# Ġo Dar Sawra

Immanuel Mifsud

1.
Ġismi mimli bil-ward u l-mediċina,
mimli bil-mard u siġar twal u ħodor,
mimli friefet bi ġwienaħ kuluriti:
nisa koroh u sbieħ inixxu d-dmija,
u rġiel li riedu jħobbu w ma setgħux.

2.
Bilqiegħda fuq pultruna f'rokna kiesħa,
f'għajnejna hemm in-ngħas ta' ljieli mħarbta,
fuq wiċċna hemm il-muta ta' mewt ċerta,
u l-bewl inixxi kiesaħ minn ġol-ħarqa.

3.
Ix-xedaq li ninżgħu dejjem jidħqilna.
Nimteddu forsi norqdu ħa ninsew
li l-kantunieri kollha jħarsu bl-ikrah.

4,
Vjola l-ewwel ħjiel li qabad iżernaq.
Jidħol ġo fik il-vjola biex imarrdek,
biex jistaqsik kif int bl-istess tbissima
tax-xedaq jistenna fil-komodina.

5.
Għadha titbaxxa biex tiżbogħ difrejha.
Għadha – minn taħt – trid tilbes il-bizzilla
u tħammar xufftejha, tħaddar għajnejha.
Għadha tħajjar lil żewġha bil-lejl – żewġha
li mar u nesa l-valiġġi warajh.
Tqum tkanta l-*Casta Diva* kull filgħodu.